MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 172/2010

**A B**
**vs**
**D X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-kontendenti zzewwgu fit-14 ta’Settembru 2002; li fid-9 ta’ Ottubru 2003 huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali; li dan iz-zwieg huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg, u tordna r-registrazzjoni tan-nullita’ fl-att taz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta ddikjarat li l-fatti kif dikjarati mill-attur mhumiex kontestati, u li ma topponiex ghat-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-14 ta' Settembru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta ma topponix ghat-talba attrici.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghtihom affidament.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Settembru 2002, meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 23 sena, u wara li kienu lhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sitt [6] snin. Wara konvivenza ta' sitt [6] xhur il-partijiet isseparaw de facto, meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom relazzjoni, u l-konvenuta ghandha tewmin minn relazzjoni stabbli.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jispjega li mill-bidunett taz-zwieg il-konvenuta kienet turi riluttanza li taghmel l-att taz-zwieg mieghu. Jghid li fil-bidu l-att taz-zwieg kien isir bi prekawzzjoni da parti tieghu, peress li anke hu kien ta' l-idea li l-partijiet jaghmlu xi zmien minghajr tfal fiz-zwieg, izda meta wara

sitt xhur huwa beda jinsisti li huma jipprovaw ghat-tfal, il-konvenuta qaltlu li ma kienitx riedet tfal f' dan iz-zwieg.

Fl-affidavit tieghu jghid: "D bdiet tghidli li trid tgawdi, tixtri l-hwejjeg, tohrog mal-hbieb, u li ghalhekk ma rieditx li jkollha tfal li jfixkluha milli taghmel dan." [Fol.27]

Dan gab kwistjonijiet kbar bejniethom, bir-rizultat li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali. Wara ftit xhur, din harget tqila minn ragel iehor li kienet taf sa minn qabel iz-zwieg, u li kienet dahlet f' relazzjoni aperta ma' dan ir-ragel wara s-separazzjoni de facto.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tispjega li f' xi zmien fl-gherusija hija kienet iltaqghet ma' ragel fuq il-post tax-xoghol taghha u kienet hadet grazzja mieghu, izda lill-attur ma kienet gharfitu xejn b' dan u zammet kollox ghaliha, bir-rizultat li biz-zmien bdiet tahseb aktar f' dan ir-ragel. Tghid, li meta hi kompliet bir-relazzjoni ma' l-attur, u anke fiz-zmien taz-zwieg, hija kienet bdiet thoss certu ncertezza dwar ir-relazzjoni taghha mieghu, tant li ma kienitx certa mill-pass taz-zwieg li kienet ser tiehu.

Di fatti meta hija zzewwget bdiet ihossha "fgata" fir-relazzjoni matrimonjali ma' l-attur, bil-konsegwenza li kienet tkun riluttanti li taghmel l-att taz-zwieg mieghu. Dan in-nuqqas da parti taghha wassal sabiex fi zmien sitt xhur fil-konvivenza matrimonjali hija telqet mid-dar konjugali. Wara xaharjen hi bdiet relazzjoni ma' dan ir-ragel li, sa dak iz-zmien kien sar partner fin-negozju maghha. Hija kompliet b' din ir-relazzjoni extra-matrimonjali, u wara ftit xhur harget tqila; u llum ghandha tewmin minn dan ir-ragel.

**Konsiderazzjonijiiet tal-Qorti**

Illi fil-kaz odjern il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-provi juru bic-car li, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha, il-konvenuta ma fehemitx u ma apprezzatx l-import tal-hajja

konjugali, bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Di fatti wara ftit xhur miz-zwieg hija ma setghetx tkompli l-hajja konjugali ma' l-attur, u kienet determinata fid-decizjoni taghha li ma jkollhiex tfal minnu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw lil jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Settembru 2002.

Spejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------